**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 287 tas-26 ta' Novembru 2024 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Andy Ellul dwar rappurtaġġ tal-ħidma tal-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

Fis-seduta ta' filgħodu tal-25 ta' Novembru 2024, is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Andy Ellul talab hekk:

> "**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, irrid nagħmel referenza għall-aħħar laqgħa li kellna tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika li kienet fil-21 ta' Novembru u għall-istqarrija sussegwenti maħruġa mill-Partit Nazzjonalista li l-kontenut tagħha ma kienx jirrifletti dak li ntqal u li ġie deċiż fil-Kumitat.
>
> Għalhekk qed ninvoka ksur ta' privileġġ *ai termini* tal-Kapitlu 113 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 11, subartikolu (4), paragrafu (k) u kwalunkwe provvediment ieħor relevanti f'dan il-każ. F'dan ir-rigward jien u l-Ministru għall-Ġustizzja ktibna u kkomunikajna permezz ta' ittra lis-Sedja li se naqraha *verbatim* lil din il-Kamra."

Hawnhekk id-Deputy Speaker, li kien qiegħed jippresiedi dik is-seduta, qal hekk:

> "**ID-DEPUTY SPEAKER:** Onor. Ellul, nifhem li għandek id-dritt li taqraha kollha imma ninforma wkoll li s-Sedja rċeviet l-ittra li qed titkellem dwarha int, però nistiednek ukoll biex taqraha."

Hawnhekk allura l-Onor. Andy Ellul irrefera għall-ittra tal-21 ta' Novembru ta' din is-sena, li taqra hekk:

> " "Is-sottoskritti Deputati Parlamentari u Membri tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, qegħdin iġibu għall-attenzjoni tas-Sinjorija tiegħek, stqarrija maħruġa mill-Partit Nazzjonalista datata 21 ta' Novembru 2024, bit-titolu "Il-Kumitat Parlamentari għall-Istandards isib lil Clayton Bartolo u Clint Camilleri ħatja", hawn annessa u mmarkata bħala DOK(A).
>
> Illi f'din l-istqarrija, fis-sottotitolu tagħha, jingħad li "Issa anke l-Kumitat Parlamentari sab liż-żewġ Ministri ħatja ta' frodi b'fondi pubbliċi fuq l-impjieg fantażma tal-mara tal-Ministru Bartolo" u aktar 'il quddiem fl-istess stqarrija jingħad li "Minbarra l-kwistjoni tal-frodi minn fondi pubbliċi, f'dan il-każ tal-impjieg fantażma tal-mara tal-Ministru Clayton Bartolo, il-Gvern inqabad ukoll f'xibka ta' gideb u inkonsistenzi biex jipprova jiddefendi lill-Ministri tiegħu".
>
> Illi r-rapport approvat mill-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, ippresedut mis-Sinjorija tiegħek, ma jikkontjeni ebda osservazzjoni, dikjarazzjoni, konklużjoni jew rakkomandazzjoni taħt kwalunkwe forma, li tittratta frodi jew kwalunkwe offiża oħra ta' natura kriminali, kif malizzjożament iddikjarat fl-istqarrija inkwistjoni.
>
> Għaldaqstant, is-sottoskritti qegħdin formalment jilmentaw mas-Sedja dwar dawn id-dikjarazzjonijiet foloz li ċertament ma jirriflettux il-fatti, il-kelma u l-ispirtu ta' dak li ngħad u kien deċiż fil-Kumitat.

Filwaqt li qed ikun invokat ksur ta' privileġġ skont l-Ordinanza relattiva, qed ikun mitlub li jkunu ordnati dawk il-provvedimenti li s-Sedja tħoss li jkunu xierqa u opportuni."

Din l-ittra hija kordjalment iffirmata minni u mill-Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard."

Hawnhekk id-Deputy Speaker qal:

"**ID-DEPUTY SPEAKER:** Għalkemm ikun hemm it-traskrizzjoni nifhem li se tpoġġi kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra."

Għaldaqstant l-Onor. Andy Ellul wieġeb: "Iva", lid-Deputy Speaker li kien qiegħed jippresiedi, u d-Deputy Speaker imbagħad irringrazzja lill-Onor. Ellul u għadda għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.

Is-Sedja ħadet konjizzjoni ta' dak li ntalab mill-Onor. Andy Ellul u mill-Ministru għall-Ġustizzja l-Onor. Jonathan Attard, f'ittra li s-Sedja għandha wkoll kopja tagħha datata 21 ta' Novembru 2024.

Is-Sedja rat fid-dettall dak li ntqal mill-istqarrija tal-Partit Nazzjonalista, fejn is-suġġett huwa 'Ħatja' u taqra hekk:

"Issa anke l-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika sab lill-Ministri Clayton Bartolo u Clint Camilleri ħatja.

Dan hekk kif il-Kumitat Parlamentari llum adotta unanimament ir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards li sab li l-mara tal-Ministru Clayton Bartolo tħallset konsulenza ta' xogħol li ma wettqitx, bil-kompliċità tal-Ministru Clint Camilleri.

Issa li r-rapport kien adottat, u Bartolo u Camilleri nstabu ħatja li kisru l-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, il-Prim Ministru Robert Abela ma għandu l-ebda triq oħra ħlief li jkeċċi liż-żewġ Ministri jekk dawn se jibqgħu ma jirriżenjawx minn jeddhom.

Il-Partit Nazzjonalista jfakkar kif il-Prim Ministru u anke l-Ministri nfushom ilu ġimgħat – minn meta nkixef dan l-iskandlu – jaħarbu mir-responsabbiltà billi jgħidu li se jistennew il-konklużjonijiet tal-Kumitat.

Ir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika – li issa, bl-adozzjoni tar-rapport, il-Kumitat Parlamentari għall-Istandards għamel tiegħu wkoll il-konklużjonijiet li wasal għalihom – sab li s-sieħba, illum il-mara, tal-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika ntgħażlet bħala konsulenta b'salarju ta' €70,000 mingħajr ma kienet kwalifikata, u apparti li ma għamlitx dan ix-xogħol tul il-ħatra tagħha, baqgħet tagħmel ix-xogħol li kellha qabel bħala Segretarja Personali tal-Ministru, imma titħallas il-paga ta' konsulent.

F'dan il-każ, imma, għal xi raġuni mhux magħrufa Robert Abela qed jadotta s-sistema ta' two weigths and two measures, hekk kif qed jimxi b'mod differenti minn kif mexa fil-każ tal-Eks Ministru Justyne Caruana.

Filwaqt li lil Clayton Bartolo u Clint Camilleri ma jridx ineħħihom, lil Justyne Caruana kien keċċieha mill-ewwel malli ġie ppubblikat ir-rapport fil-każ tagħha, saħansitra qabel ma l-Kumitat iltaqa' biex jiddeċiedi jadottahx jew le.

Minbarra l-kwistjoni tal-frodi minn fondi pubbliċi, f'dan il-każ tal-impjieg fantażma tal-mara tal-Ministru Clayton Bartolo, il-Gvern inqabad ukoll f'xibka ta' gideb u inkonsistenzi biex jipprova jiddefendi lill-Ministri tiegħu.

F'żewġ okkażjonijiet separati Abela ddikjara li kien hu li keċċa lil Amanda Muscat, il-mara tal-Ministru Bartolo, u giddeb lill-Ministru Clint Camilleri li l-Kap tas-Segretarjat tiegħu ddikjara taħt ġurament li kien hu li tterminalha l-kuntratt għax ix-xogħol tagħha mal-Ministeru kien tlesta.

Il-poplu Malti, li nhar it-Tnejn inġabar fil-Belt Valletta biex jipprotesta bi ħġaru kontra dan l-iskandlu ġdid tal-Gvern Laburista, bir-raġun qed jistaqsi min qed jgħid il-verità u min qed jigdeb.

In-nies għandhom dritt ikunu jafu jekk il-Kap tas-Segretarjat tal-Ministeru għal Għawdex Michael Buhagiar xehedx falz taħt ġurament biex jgħatti lill-Ministru tiegħu, inkella huwiex il-Prim Ministru Abela li qed jigdeb biex jgħatti li dan kollu sar bil-barka tiegħu?

Kien Abela stess li approva l-impjieg fantażma tal-ħabiba, illum il-mara, tal-Ministru Clayton Bartolo bħala konsulenta u l-allowances li ħadet apparti s-salarju enormi. Fl-istess nifs, imma, Abela issa qed jiftaħar li kien hu li keċċieha."

Din kienet l-istqarrija li għamlu referenza għaliha s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul u l-Ministru Jonathan Attard fl-ittra li ntbagħtet lis-Sedja.

Is-Sedja semgħet u ottjeniet kopja tat-traskrizzjoni tal-aħbar li ħarġet minn NETnews eżattament wara li ġiet konkluża l-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika nhar il-Ħamis, 21 ta' Novembru 2024, fejn il-qarrejja tal-aħbarijiet qalet hekk:

"**QARREJJA TAL-AĦBARIJIET:** Il-Kumitat Parlamentari tal-Istandards qabel unanimament illi japprova r-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards li sab lill-Ministru Clayton Bartolo u Clint Camilleri ħatja ta' ksur ta' standards u ksur ta' etika meta impjegaw lil Amanda Muscat bħala konsulent mal-Ministeru ta' Għawdex. Fi kliem sempliċi, l-adozzjoni ta' dan ir-rapport tfisser li anke l- Parlament qabel mal-ħtija fil-konfront taż-żewġ Ministri tal-Gvern. Id-dettalji f'dan l-ewwel servizz.".

Il-ġurnalist imbagħad jgħid hekk:

"**ĠURNALIST:** Anke l-Kumitat Parlamentari tal-Istandards sab lill-Ministru Clayton Bartolo u Clint Camilleri ħatja ta' ksur ta' etika. Dan wara li b'mod unanimu ġie approvat ir-rapport tal-Kummissarju tal-Istandards. Id-Deputati tal-Partit Nazzjonalista Mark Anthony Sammut u Ryan Callus u anke l-Ministru Jonathan Attard u s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul jivvotaw favur li jaddottaw dan ir-rapport li sab lill-Ministri Bartolo u Camilleri ħatja ta' ksur tal-istandards fil-ħajja pubblika. L-Ispeaker tal-Kamra

> Anġlu Farrugia min-naħa tiegħu qal għal aktar minn darba li r-rapport kien ċar u għalhekk talab biex ikun hemm kjarifika dwar l-ammont u r-rifużjoni tal-flus."

Imbagħad hemm dak li ntqal mill-istess Onor. Mark Anthony Sammut u mill-Onor. Ryan Callus u wkoll mill-Ispeaker sedenti u l-ġurnalist imbagħad jgħid hekk:

> "**ĠURNALIST:** Intant jidher li nhar l-Erbgħa se jkunu qed jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom Clayton Bartolo u Clint Camilleri. Issa iżda dejjem iddefendew l-azzjonijiet tagħhom. Il-Ministru Bartolo jagħmel apoloġija iżda jinsisti li dan ma kienx job fantażma. Filwaqt li l-Ministru ta' Għawdex kien stqarr ma' NETnews li miegħu ħadd mhu se jirnexxilu tant li lanqas biss kien skuża ruħu."

Wara li ħarġet l-aħbar bid-dettall illi l-Kumitat kien sab u adotta r-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika illi kien hemm ksur tal-etika u ma kien hemm l-ebda referenza għal ħtija fuq frodi jew xi reat ieħor. Imbagħad hawnhekk daħal il-Kap tal-Oppożizzjoni, wara li nqraw l-aħbarijiet, fejn ġie intervistat mill-istess qarrejja tal-aħbarijiet u hemmhekk kien li l-Kap tal-Oppożizzjoni beda jagħmel il-kummenti tiegħu politiċi u bl-interpretazzjoni kif jaraha hu fejn fost l-oħrajn qal:

> "**ONOR. BERNARD GRECH:** L-ewwel ħaġa se nipprova nispjega fil-qosor kemm jista' jkun. Kellna Kummissarju tal-Istandards illi sab lil żewġ Ministri ħatja ta' ksur ta' etika, u se nispjega daqsxejn għaliex illum smajt anke x'qalu l-Labour, illi mhux veru dak li qegħdin ngħidu aħna. Il-ħin kollu jipprovaw idawru s-sewwa magħruf."

Aktar tard waqt l-intervista, u allura wara l-aħbar li ħarġet dwar illi l-Kumitat sab ħtija ta' ksur ta' etika mingħajr ebda referenza għal frodi jew xi ksur ta' reat, il-ġurnalista staqsietu hekk lill-Kap tal-Oppożizzjoni:

> "**ĠURNALISTA:** Huwa vot importanti u fih x'wieħed jaħseb fuqu wkoll."

U hawnhekk il-Kap tal-Oppożizzjoni qal x'jaħseb hu għal dik id-domanda, u nikkwota:

> "**ONOR. BERNARD GRECH:** Huwa vot importanti. Huwa vot ċar li għandek Prim Ministru illi għal darb'oħra, mhux qiegħed f'kontroll tal-Ministri tiegħu; dawn għamlu li riedu, serqu, iffrodaw lill-poplu Malti u allura l-Prim Ministru m'għandux is-saħħa li jneħħihom għaliex sfortunatament huwa dgħajjef."

Bla dubju, dan il-kumment huwa kumment kompletament politiku tal-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni. Fl-ebda mument imma l-Kap tal-Oppożizzjoni ma qal li l-Kumitat iddeċieda hekk, anzi l-aħbar x'ġara fil-Kumitat kif rapportata baqgħet ċara li l-Kumitat iddeċieda fuq ir-rapport li jiġi adottat. U hawnhekk qed nagħmel referenza wkoll għat-traskrizzjoni tal-laqgħa li saret tas-seduta tal-Ħamis, 21 ta' Novembru 2024.

Is-Sedja rat diversi rulings li tat fil-konfront ta' rappurtaġġ dwar dak li jsir fil-Parlament, fosthom ir-ruling li tat fis-Seduta 479 tas-7 ta' Frar 2017, fis-Seduta 466 tad-9 ta' Jannar 2017 u fis-Seduta 413 tal-5 ta' Lulju 2016, fejn issir referenza, in partikolari fl-aħħar ruling ċitat, ċjoè dak tal-5 ta' Lulju 2016, għal dak li jsir fil-Parlament Ingliż, u dan b'referenza għal paġna 226 tal-*Erskine May, Parliamentary Practice (24ed)* taħt il-kapitolu bl-isem "Privilege of freedom of speech" fejn jingħad hekk:

> "As regards the publication of debates, the judgment in Wason v Walter in 1868 established that the publisher of a report of a parliamentary debate is protected from actions for defamation if the whole debate is published, and enjoys qualified privilege for the publication of extracts from debates. The decision is founded not on parliamentary privilege or the Act of 1840, but on the principle that the publication of the proceedings of Parliament should be protected on the same footing as those of courts of justice: 'that the occasional inconvenience to individuals arising from it [publicity being given to the proceedings of courts] must yield to the general good'."

Dan qed jingħad għal dak li jiġi rrapportat li sar eżatt fil-Parlament jew f'kumitat parlamentari kif effettivament ġie rapportat. Is-Sedja tinnota wkoll illi dwar dak li ġie deċiż fil-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, NETnews l-aħbar ħariġha ċara illi l-Kumitat kien adotta r-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards, u fl-ebda ħin NETnews ma ħareġ l-aħbar illi l-Kumitat sab lill-Onorevoli Ministru Clayton Bartolo u lill-Onorevoli Ministru Clint Camilleri ħatja ta' xi frodi jew ta' xi serq. Dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni wara, waqt li ġie intervistat kien il-kumment politiku tiegħu għall-interpretazzjoni tiegħu. Is-Sedja tifhem ukoll illi dak li ħareġ fl-istqarrija l-Partit Nazzjonalista ma kinitx l-aħbar li qed tiġi indikata waqt il-qari tal-aħbarijiet, imma hija stqarrija politika b'addizzjoni ma' dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni dwar dak li qed jinterpreta partit politiku fl-istqarrija li ħareġ, l-istqarrija mill-istess Partit Nazzjonalista.

Is-Sedja rat dak li talab l-Onor. Andy Ellul fis-seduta tal-bieraħ filgħodu, fejn invoka ksur ta' privileġġ *ai termini* tal-Kapitlu 113 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 11, subartikolu (4), paragrafu (k) u kwalunkwe provvediment ieħor relevanti f'dan il-każ. Is-Sedja rat l-artikolu msemmi, li jitkellem dwar:

> "(k) il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."

Is-Sedja, wara li rat ukoll dak li ddeċidiet hi stess fis-Seduta 343 tal-15 ta' Ġunju 2020, dwar talba għal ksur ta' privileġġ dakinhar mill-Prim Ministru fil-konfront tal-Onor. Karol Aquilina, tiddeċiedi illi filwaqt li tifhem li dak li qal l-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni kien kumment politiku, illi ovvjament rikeb fuq l-istqarrija tal-istess partit meta ssemmiet il-kwestjoni ta' frodi eċċ. b'referenza għall-Ministru Clayton Bartolo u l-Ministru Clint Camilleri, meta l-istess Kumitat fl-ebda mument ma ddiskuta frodi u fir-rapport tal-Kummissarju fl-ebda mument ma tissemma l-kelma "frodi", min-naħa l-oħra l-kumment u l-interpretazzjoni li ta l-Kap tal-Oppożizzjoni illi *nonostante* illi l-aħbar mill-istess NETnews bl-ebda mod ma ħarġet fis-sens illi l-Kumitat kien approva r-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards, illi l-Ministri nstabu ħatja ta' frodi, minbarra ta' ksur ta' etika, min-naħa l-oħra qiegħda wkoll tara illi dak li ntqal mill-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni u li huwa rifless fl-istqarrija tal-Partit Nazzjonalista jammonta għal kritika politika, dak li aħna nsejħulu 'political bickering'. Dan ovvjament fl-ebda mument ma jista' jammonta għal *prima facie* ksur ta' privileġġ, imma dejjem mingħajr preġudizzju li jagħti żgur lok għal kull dritt skont il-liġijiet tal-pajjiż, illi biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu jew ta' individwi għandu jew għandhom kull rimedju f'dak li jikkonċerna libell ċivili jew drittijiet kostituzzjonali fil-Qrati tal-ġustizzja.

Ir-ruling huwa deċiż.